# *Banda San Pawl*
# L-Istorja 1947-1950
## *(It-Tieni Parti)*

Tagħrif miġbur minn **Keith Muscat**

Fl-artiklu li deher fil-pubblikazzjoni li ħarġet għall-festa tas-sena l-oħra, rajna kif bil-ħidma tal-Wisq Reverendu Kappillan Padre Ġann Franġisk Grima twaqqaf is-St Paul's Bay Club fl-1946. Rajna wkoll kif dan il-Każin sab sede u kompla jiżviluppa sakemm fil-21 ta' Marzu 1947, is-Segretarju informa lill-Kumissarju tal-Pulizija li fil-Każin kienet iffurmata banda u b'hekk is-Soċjetà issa saret waħda filarmonika. L-istorja tagħna f'din il-pubblikazzjoni se tkompli proprju minn hemm.

Il-Kumitat, meta twaqqfet il-Banda San Pawl fl-1947, kien iffurmat hekk :

| | |
|---|---|
| **Presidenti Onorarji** | W.R. Patri Ġann Franġisk Grima OFM. Conv. |
| | Dr. Bonavia |
| | Baruni Victor Chappelle |
| **President** | Dr. J Attard Montalto LLD |
| **Viċi President** | Lewis Borg |
| **Segretarju** | John Muscat |
| **Assistent Segretarju** | Peter Campbell |
| **Kaxxier** | Joseph Catania |
| **Assistent Kaxxier** | Anthony Cassar |
| **Direttur** | Emmanuel Chetcuti |
| **Membri** | Vincent Dimech |
| | Ġamri Galea |
| | Joseph Magro |
| | Joseph Busuttil |
| | Benjamin Sammut |
| **Awditur:** | Ġuże Murgo |
| **Surmast Direttur:** | Mro. Emanuele Gauci |

Fis-seduta li saret fil-Każin fit-30 ta' Marzu 1947 naraw kif il-Kumitat iddeċieda li jixtri l-istrumentatura tal-Banda mingħand is-Sur Lucia tal-Belt Valletta. Saru wkoll l-arranġamenti neċessarji sabiex is-Surmast Emanuele Gauci jkun jista' jabita fil-Każin meta jkun hemm il-lezzjonijiet. Fil-laqgħa li saret fit-8 ta' Ġunju 1947 il-President Dr J Attard Montalto LLD u l-Kaxxier Joseph Catania intgħażlu mill-Kumitat sabiex jirrappreżentaw lill-Kumitat f'laqgħa tal-Każini li kellha ssir fl-Università Rjali ta' Malta, nhar l-14 ta' Ġunju 1947. Fl-istess

laqgħa ġie deċiż ukoll li kull bandist li kien qiegħed jitgħallem kellu jħallas is-somma ta' 6 d fil-ġimgħa.

Għall-festa li saret f'Lulju ta' dik is-sena nsibu li l-Każin ħallas l-ispejjeż tan-nar li kien jikkonsisti fi tliet elef biċċa musketterija, elfejn murtal tal-kulur u elf bomba. Dawn nħadmu minn Ċensu ta' Bistra flimkien ma' xi nies oħra.

## It-Tielet Laqgħa Ġenerali

It-tielet Laqgħa Ġenerali saret fil-Każin nhar l-4 ta' Jannar 1948 u għaliha attendew 33 soċju. Il-Kumitat għas-sena 1948 ġie elett b'votazzjoni sigrieta u kien iffurmat hekk :

| | |
|---|---|
| **President Onorarju** | W R Patri Ġann Franġisk Grima OFM Conv. |
| **President** | Dr. J. Attard Montalto LLD |
| **Viċi President** | Lewis Borg |
| **Segretarju** | Dr. George Muscat MD |
| **Asst. Segretarju** | Joseph Briffa |
| **Kaxxier** | Joseph Catania |
| **Asst. Kaxxier** | Anthony Cassar |
| **Membri** | Ġanni Galea |
| | Midju Kirkop |
| | Dwardu Sammut |
| | Joseph Cuschieri |
| | Pawlu Chetcuti |
| | Giuseppe Briffa |
| | Joseph Busuttil |
| | Bennie Sammut |
| | Vincent Dimech |

L-ewwel laqgħa tal-Kumitat saret fil-Każin fl-4 ta' Frar 1948. Mro. Emanuele Gauci nħatar mill-Kumitat sabiex jirrappreżenta lill-Każin mal-*Malta Band Clubs Association.* Is-Surmast ġie nkarigat ukoll sabiex jixtri l-mużika għall-Banda. Ġamri Galea inħatar bħala Arkivista filwaqt li Pawlu Chetcuti ingħata l-inkarigu li jieħu ħsieb l-istrumentatura. Il-Kumitat f'din is-seduta iddeċieda li japplika għal Banka tal-Lottu. Fis-seduta li saret nhar it-28 ta' Settembru 1948, Joseph Catania inħatar bħala Segretarju minflok Dr George Muscat MD. Naraw ukoll li fl-4 ta' Lulju 1948 kienet saret fiera.

Il-Banda San Pawl, fost il-ferħ tal-partitarji, għamlet l-ewwel servizz tagħha nhar il-25 ta' Lulju 1948, f'San Pawl il-Baħar fl-okkażjoni tal-festa titulari. F'din l-okkażjoni l-Każin ġie ppreżentat b'bandalora sabiex tibqa tifkira ta' dan il-jum storiku. Fil-laqgħa li saret fit-8 ta' Ottubru 1948 naraw li l-programm li l-Banda kellha tagħmel f'Burmarrad ġie trasferit minħabba li kienet mietet persuna mill-post. Giuseppe Sammut ġie maħtur bħala Kaxxier minflok Joseph Catania li kien ingħata l-inkarigu ta' Segretarju. Il-programm tal-Banda ġie deċiż li jsir fis-17 ta' Ottubru 1948, ġie deċiż ukoll li l-Bandisti tal-post jiġu eżentati milli jħallsu l-menswalità. Fil-laqgħa li saret fit-22 ta' Ottubru 1948 il-Kumitat iddeċieda li jiġu stampati 100 kopja tar-regolamenti tal-Bottegin għand Scicluna Press. Kellhom jiġu stampati wkoll listi bil-Membri tal-Kumitat u s-Soċji. Toni Cassar, Wiġi Borg, Joseph Catania u Joseph Sammut ġew inkarigati sabiex nhar ta' Ħadd joqogħdu fl-intrata tal-Każin sabiex

dawk li ma kinux membri ma jitħallewx jidħlu fil-bottegin. Għal dan l-iskop twaħħlet tabella fl-intrata li kienet taqra 'Minn mhux soċi ma jistax jidħol'.

F'laqgħa li saret fit-8 ta' Novembru 1948 is-Surmast Gauci għamel talba għal żieda ta' L 3 fis-slarju li sa dak in-nhar kien ta' L 9 fix-xahar u talab sabiex il-kunċerti jitnaqqsu għal tlieta fil-ġimgħa. Fl-istess laqgħa ġie nnotat ukoll li l-Każin kien għad baqalu xi kontijiet pendenti mas-Sur Luċija fuq l-istrumentatura. Fil-laqgħa li saret fit-23 ta' Novembru 1948 tqanqlu xi mistoqsijiet fuq xi materji finanzjarji rigward donazzjoni li saret lill-Klabb tal-water polo. Fil-laqgħa li saret fis-7 ta' Diċembru 1948 kien hemm qbil li s-salarju tas-Surmast isir ta' L12 fix-xahar.

## Ir-Raba' Laqgħa Ġenerali

Ir-raba' Laqgħa Ġenerali saret fil-Każin nhar il-Ħadd, 9 ta' Jannar 1949 bl-iskop li jinħatar il-Kumitat għal dik is-sena. Il-Kumitat inħatar kif jidher hawn taħt :

| | |
|---|---|
| **President** | Dr J Attard Montalto LLD |
| **Viċi President** | Lewis Borg |
| **Segretarju** | Joseph Mizzi |
| **Asst. Segretarju** | Caristu Muscat |
| **Kaxxier** | Joseph Sammut |
| **Asst. Kaxxier** | Joseph Briffa |
| **Direttur Ġenerali** | Pawlu Briffa |
| **Membri** | Edwardo Sammut |
| | Joseph Busuttil |
| | Emanuel Chetcuti |
| **Rappreżentanti tal-Banda** | Gio Maria Galea |
| | Emanuel Gauci (Surmast) |
| | Paulo Tanti (Assistent Surmast) |

Fil-laqgħa li saret fis-16 ta' Jannar 1949 in-Nobbli Konti Prof. Sir Luigi Preziosi, in-Nobbli V. Chappelle u s-Sur Lewis Bonaci ġew maħtura bħala Presidenti Onorarji. Il-Kappillan W. R. Ġann Franġisk Grima OFM Conv. inħatar bħala Direttur Spiritwali. Mill-minuti ta' l-istess laqgħa nsibu li l-Kumitat kien ordna leġiji għall- bandisti li ġew maħduma minn Anthony Vella. Ġie emendat ukoll il-ħlas ta' l-entratura li minn 5/ tnaqqas għal 1/. Waqt il-laqgħa li saret fit-23 ta' Jannar 1949, Gio Maria Galea u Joseph Gauci ġew maħtura mill-Kumitat biex jirrappreżentaw lill-Każin mal-Malta Band Clubs Association. Fis-seduta tal-25 ta' Jannar 1949 insibu li l-Kumitat kien inkwetat li seta' jitlef is-sede tiegħu għax il-kuntratt tal-kera kien se jagħlaq tul is-sena ta' wara. Il-Kumitat iddiskuta l-proposta li jekk il-kera ma tiġġeddidx kellhom isiru l-arranġamenti neċessarji sabiex tinkera dar viċin l-għassa tal-Pulizija fi Triq San Pawl. Il-Ħadd, 13 ta' Frar 1949 il-Banda San Pawl esegwiet marċ u programm f'San Pawl il-Baħar fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Pawl.

Fil-laqgħa li saret fid-19 ta' Frar 1949, li għaliha kien preżenti l-Kappillan Grima, il-Wisq Reverendu spjega li minħabba npenji li kellu fil-parroċċa b'dispjaċir ma setax ikompli fil-kariga ta' Direttur Spiritwali tal-Każin u minfloku nnomina lil Patri Geraldo Levanzin. B'ġest ta' apprezzament lejn il-ħidma li l-Fundatur kien wettaq fi ħdan il-Banda, il-Kumitat irregalalu arloġġ tad-deheb. Fl-istess seduta nsibu li l-Kumitat kien xtara sett marċi funebri

mingħand Carabott tal-Belt Valletta. Sar qbil li jiġu ordnati żewġ bnadar għall-arblu tal-każin, dawn kienu tal-Papa u ta' Malta. Fl-istess seduta Benny Sammut ġie maħtur b'mod unanimu bħala membru tal-Kumitat. Is-Sur John Carabott ġie nkarigat biex jaħdem plančier għall-banda wara li jiġu sottomessi l-prospetti.

Fil-laqgħa li saret fil-5 ta' Marzu 1949 il-kumitat irċieva żewġ riżenji. L-ewwel waħda kienet ta' l-Asst. Kaxxier Joseph Briffa li ma ġietx milqugħa u t-tieni kienet ta' l-Asst. Segretarju Caristu Muscat li kien qiegħed jirriżenja minħabba li daħal fil-Militar. Ir-riżenja tiegħu ġiet aċċettata. Fl-20 ta' Marzu 1949 saret Laqgħa Ġenerali Straordinarja bl-iskop li jiġi amendat l-istatut. Il-laqgħa bdiet nofs siegħa tard minħabba li ma kienx hemm kworum. Sfortunatament fil-Minuti tal-laqgħa ma hemmx imniżżel x'kienu dawn l-emendi iżda nafu li dawn għaddew b'xi tibdil żgħir.

Fil-laqgħa li saret fil-21 ta' Marzu 1949 il-kumitat sema' l-ilment tas-Surmast li qal li waqt li l-banda kienet qed takkumpanja l-istatwa ta' San Ġużepp fil-festa li saret f'San Pawl il-Baħar nhar id-19 ta' Marzu, hu kellu battibekk ma' xi bandisti fuq rimarki li għaddewlu għax il-programm spiċċa aktar kmieni milli kien previst sabiex hu jkun jista' jattendi għall-festa ta' San Filep. Fil-battibekk li kien hemm Gio Marija Galea offra r-riżenja tiegħu imma din ma ġietx aċċettata. Fit-8 ta' Mejju 1949 il-Banda għamlet servizz f'Ħaż-Żebbuġ fl-okkazzjoni tal-festa ta' San Filep. Fl-20 u 22 ta' Mejju il-Banda għamlet programm f'Ħal Qormi għal festa ta' San Ġorġ. Fit-3 ta' Lulju 1949 il-Banda għamlet marċ f'Tas-Sliema għall-festa tas-Sacro Cuor.

Fis-seduta li saret nhar it-28 ta' Lulju 1949 il-Kumitat qabel li l-marċ tal-Ġimgħa kellu jibda minn ħdejn il-Lamacca fix-Xemxija fit-8.00pm. Is-Sibt il-banda kellha terġa tagħmel servizz fl-okkażjoni tal-festa. Il-Kumitat qabel li tingħata L1 bħala ħlas lil bandisti barranin li kienu mill-Banda Imperial tal-Mellieħa. Fis-6 ta' Awissu 1949 il-banda għamlet servizz f'Ħal-Lija fl-okkażjoni tal-festa tas-Salvatur u fl-istess xahar programm fil-festa tal-Madonna ta' Liesse fil-Belt Valletta. Fl-istess sena il-banda għamlet servizzi fil-Mellieħa u n-Naxxar.

## Il-Ħames Laqgħa Ġenerali

Fil-11 ta' Settembru 1949 saret il-ħames Laqgħa Ġenerali fil-Każin bl-iskop li jiġi elett il-Kumitat għas-snin 1949/1950. Għal din il-laqgħa attendew 33 membru. Il-Wisq Reverendu Kappillan, wara li qal it-talba għamel dan id-diskors:

*Bħalma tafu, illum ġejtu hawn biex tgħażlu il-Kumitat għat-tmexxija tal-Każin għas-snin 1949/50, għaliex biex tispiċċa s-sena fadal tliet xhur u biex ma terġax issir Seduta Ġenerali oħra. Jien nirrakkomandalkom biex tgħażlu nies li jinteressaw ruħhom għall-ġid tal-banda u ngħidilkom tal-banda għaliex il-Każin mingħajr il-banda ma huwa xejn. U jien ngħidilkom li jekk hawn xi ħadd minn dawk li ħarġu għall-Kumitat u li jafu li ma humiex sejrin jinteressaw ruħhom fil-kariga li jassumu aħjar iħallu l-post lil ħaddieħor. Jekk jista' jkun għażlu nies li huma mill-pajjiż, mela oqgħodu attenti u għażlu nies li jkunu ta' ġid għall-Każin.*

*Is-Segretarju issa sejjer ifhiemkom kif għandkom tivvutaw għaliex din is-sena il-votazzjoni sejra ssir fuq ir-regolamenti tal-każin il-ġodda. Mela kull ma għandkom tagħmlu wara li nħabbrilkom l-ismijiet tal-kandidati, salib fejn l-isem ta' min tridu tagħtu l-vot u li ma tivvotawx għal aktar minn għaxar kandidati għaliex jekk tivvotaw għal wieħed aktar il-vot ikun null. Għaż-żewġ rappreżentanti tal-Banda ma hemmx għalfejn tivvotaw għaliex ħadd*

*ma ħareġ jikkontesthom, voldieri dawn it-tnejn huma eletti. Issa qabel ma tibda l-votazzjoni għandi regolament ġdid biex nipproponi, li huwa dan; Mar-regolamenti tal-Każin tiżdied, dana f'Att 45 A; "Jekk xi bandist, mingħajr ebda raġuni, jitlaq mill-Banda, ma jkunx jista' jiġi propost bħala soċju u lanqas jiffrekwenta l-Każin".*

Din l-emenda ġiet issekondata minn Dwardu Sammut u għaddiet wara diskussjoni. Paolo Tanti u Mro Emmanuele Gauci inħatru bħala kummissjoni elettorali u r-riżultat ta' l-elezzjoni kien hekk ;

27 vot – Dr J Attard Montalto LLD ; 15 il-vot – Joseph Busuttil; 13 il-vot – Emmanuel Camilleri ; 32 vot – Antonio Cassar ; 24 vot – Giuseppe Cassar ; 28 vot – Paolo Chetcuti ; 19 il-vot – Gerald Dimech ; 27 vot – Joseph Gauci ; 18 il-vot – Paolo Gauci; 32 vot – Joseph Mizzi ; 19 il-vot – Benjamin Sammut ; 13 il-vot – Carmelo Sammut ; 10 voti – Edward Sammut ; 20 vot – Gerald Sammut ; 32 vot – Sammut Gerald.

Il-Kummissjoni Elettorali ħabbru l-ismijiet ta' dawk li ġew eletti jiġifieri ; Dr J Attard Montalto LLD, Antonio Cassar, Giuseppi Cassar, Paolo Chetcuti, Gerald Dimech, Joseph Gauci, Joseph Mizzi, Benjamin Sammut, Gerald Sammut u Joseph Sammut.

Fis-seduta li saret fil-Każin, nhar il-15 ta' Settembru 1949, il-Kumitat ġie ffurmat hekk :

| | |
|---|---|
| **President** | Dr. J. Attard Montalto LLD |
| **Viċi President** | Gerald Sammut |
| **Segretarju** | Joseph Mizzi |
| **Asst. Segretarju** | Gio Maira Galea |
| **Kaxxier** | Joseph Sammut |
| **Asst. Kaxxier** | Antiono Cassar |
| **Direttur Ġenerali** | Paolo Chetcuti |
| **Direttur tal-Logħob** | Ġużeppi Cassar |
| **Direttur Spiritwali** | Padre Geraldo Levanzin OFM Conv. |
| **Direttur tal-Banda** | Mro. Emmanuele Gauci |
| **Asst. Direttur Banda** | Paolo Tanti |
| **Rappreżentanti tal-Banda** | Joseph Gauci |
| | Gerald Dimech |
| **Membri** | Joseph Tanti |
| | Benjamin Sammut |

Il-Kumitat ikkonferma lin-Nobbli Konti Prof. Sir Luigi Preziosi, in-Nobbli V. Chappelle, s-Sur Lewis Bonaci u lil Patri Ġann Franġisk Grima OFM Conv. bħala Presidenti Onorarji.

Fatt interessanti li jqum mil-laqgħa li saret fl-4 ta' Ottubru 1949 hu li l-Kumitat iddeċieda li jmur jara l-planċier tal-Każin Santa Marija tal-Qrendi, dan sar b'appuntament mal-Kumitat u preżenti għal din il-laqgħa kien hemm il-persuna li ħadmet il-planċier.

Fil-laqgħa tal-31 ta' Diċembru 1949, il-Kumitat irċieva r-riżenja tal-Viċi President, Geraldu Sammut u dan minħabba li kien se jsiefer fit-tul. Il-Kumitat aċċetta r-riżenja u bħala Viċi President inħatar Paolo Gauci.

## Is-Sitt Laqgħa Ġenerali

Minkejja li l-Kumitat kellu jservi għas-snin 1949/50, insibu li fit-8 ta' Frar 1950 saret is-sitt Laqgħa Ġenerali. Il-Kumitat il-ġdid kien iffurmat hekk :

| | |
|---|---|
| **President** | Dr. J. Attard Montalto LLD |
| **Viċi President** | Anthony Frendo |
| **Segretarju** | Carmel Pace Asciak |
| **Kaxxier** | Amabile Maistre |
| **Asst. Segretarju** | Joe Magro |
| **Asst. Kaxxier** | Anthony Cassar |
| **Membri** | Joseph Cassar |
| | Joseph Sammut |
| | Paul Chetcuti |
| | Edward Sammut |
| | John Mary Gauci |
| | Paul Gauci |
| | Joe Gauci |

Nhar it-12 ta' Frar 1950, il-Banda San Pawl għamlet servizz f'San Pawl il-Baħar fl-okkazjoni tal-festa ta' San Pawl.

Fil-laqgħa li saret fil-25 ta' Ġunju 1950 insibu li s-Surmast Emmanuele Gauci talab il-perjodu mill-1 ta' Awissu sal-15 ta' Settembru bħala unpaid leave. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kumitat għalkemm saru xi kummenti li l-banda kienet qed tkun traskurata. Fil-laqgħa tat-2 ta' Lulju 1950, Duminku Cassar ġie maħtur bħala membru tal-Kumitat. Fis-seduta li saret fid-29 ta' Awissu 1950 naraw li kien hemm xi tibdil fil-formazzjoni tal-Kumitat. Is-Segretarju Carmelo Pace Axiaq irriżenja minħabba f'safar u postu mtela minn Joseph Mizzi li kien il-Kaxxier. Is-Sur Duminku Cassar beda jokkupa l-kariga ta' kaxxier. Insibu wkoll li Emmanuel Camilleri ġie maħtur bħala membru tal-Kumitat. Fl-istess seduta tqanqlet diskussjoni fuq l-andament tal-Banda u l-Kumitat ħass li s-Surmast Gauci kien qiegħed jonqos mid-doveri tiegħu u li l-Banda kienet qed tkun traskurata. Wara kwistjoni li nqalgħet mas-Surmast Gauci rigward ħlas għal xi partituri dan ta' d-dimissjoni tiegħu f'Ottubru 1950.


# SIRENS BAR & RESTAURANT

St. Paul's Street, St. Paul's Bay

(Near Police Station)

Indoor and Open Air Dining Accommodation

Genuine Drinks and Meals

***Moderate Prices plus GOOD SERVICE***

**HOLIDAY FLATS ACCOMMODATION**

**Apply same Address or Tel: 21 571040**